MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 193/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fil-31 ta’ Mejju 2002, kif jirrisulta mill-Att taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok ‘A’, u

Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal.

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

Illi oltre dan l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma kienitx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fil-31 ta' Mejju 2002, gewwa l-Knisja Parrokjali, null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-12 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha jew

b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255, liema tort huwa imputabbli fuq iz-zewg partijiet ugwalment;

2. Illi l-esponenti taqbel illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg inniffsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255, liema tort huwa imputabbli fuq iz-zewg partijiet;

3. Illi l-esponenti ma taqbilx illi, ghalkemm mhux interdetti jew morda minn rashom, il-partijiet ma kellhomx setghet intelletwali ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg, ai termini tal-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attur u ta’ omissis.

Rat l-affidavit tal-konvenuta u ta’ omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Frar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-

partijiet fil-31 ta’ Mejju, 2002 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta taqbel li z-zwieg ghandu jkun dikjarat null izda ghar-ragunijiet li qed tipproponi hi fil-kontro-talba taghha u cioe’ is-sub-incizi (d) u (f) imsemmija izda ghal ragunijiet imputabbli lill-attur.

Kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*.” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan japplika f’kull kawza ta’ annullament ta’ zwieg anke fejn ikun hemm semplici ammissjoni.

L-artikoli citati mill-partijiet jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

19 (1) (h) – li l-konvenuta ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attur jidher li l-partijiet izzewgu wara li kienu jafu lil xulxin ghal numru ta’ snin. Skond hu l-konvenuta kellha tfulija u adolexxenza dificli minhabba missierha ghalkemm ifahhar hafna lil ommha. Ommu mill-ewwel ma ghogbhiex ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta minhabba xi mard kroniku li kellha. Il-konvenuta pero’ jidher li qaltlu b’dawn id-diffikoltajiet mill-ewwel u allura ma jistax jghid li ma kienx jaf bihom. Jidher ukoll li l-genituri tal-attur, misjura bl-esperjenza tal-hajja pprovaw jipperswaduh li z-zwieg ma kienx se jirnexxi izda hu baqa’ ghaddej bil-preparattivi ghaz-zwieg avolja jhoss li l-konvenuta kieent tiddominah u ma kienx jieqfilha.

Il-problemi skond l-attur bdew ghaliex il-konvenuta kienet iktar mohhha fl-attivita’ politika taghha milli fir-relazzjoni mieghu u billi jidher li hu ma kienx daqshekk attiv kienu jispiccaw biex ma jkollhomx wisq hin flimkien, u l-problema accellerat meta waslu l-appuntamenti elettorali tas-sena 2003 infatti nqala’ hafna inkwiet bejnithom u isseparaw konsenwalment fl-2004.

Mill-affidavit tal-konvenuta jidher car li tinteressaha hafna l-politika u jinkludi principalment speci ta’ *curriculum vitae* taghha fir-rigward, haga li l-Qorti ma tifhimx x’ghandha x’taqsam mal-kawza kif lanqas l-allegazzjoni taghha li l-attur ma kienx fidil lejha ghaliex semmai dan kien ikun kawzali f’kawza ta’ separazzjoni. Kollox ma’ kollox il-Qorti thoss li l-konvenuta kellha u forsi ghad ghandha hafna fantasiji dwar diversi affarijiet fil-hajja (ghalkemm wiehed jissimpatizza maghha dwar il-problemi medici li zgur ma humiex tort taghha) u forsi l-provi mressqa minnha aktar jikkonfermaw dak li qal l-attur. Mill-affidavit taghha l-Qorti tirriskontra certa immaturita’ li allura twassalha ghall konkluzjoni li t-talba tal-attur ghandha tigi akkolta u cioe li z-zwieg ikun dikjarat null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) ghal raguni mputabbli lill-konvenuta.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fil-31 ta' Mejju, 2002 fil-waqt li tichad il-kontro-talba tal-konvenuta. L-ispejjes tal-kontro-talba ghandhom jithallsu mill-konvenuta u l-kumplament tal-ispejjes ghandhom jinqasmu indaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------